**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Justine Grech)**

**kontra**

**MALCOLM BUHAGIAR**
**(ID: 388892(M))**

Kaz Nru.: 11/18

**Illum, 22 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Malcolm Buhagiar**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Francis u Catherine nee Caruana imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Awwissu 1992, residenti fi 92, Wild Cherry, Triq l-Imnarja, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 388892(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Dicembru 2017 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta'

persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni, mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta; Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja, jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datata l-25 ta' Jannar 2018, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Rat id-digriet tal-assenjazzjoni ta' kawzi u doveri datat it-28 ta' Lulju 2021;

[1] Ara fol. 5 tal-atti processwali.

Rat li fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2021 l-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tax-xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) l-ispettur Justine Grech li xehdet dwar l-investigazzjoni kondotta minnha wara li allegatament persuna instabet fil-pussess ta' sachet kontenenti droga suspettata kokajina fit-toilets gewwa l-Havana. Hija spjegat ukoll x'wasal ghall-arrest tal-qua imputat Malcolm Buhagiar; (2) PS1527 Gregg Marney, (3) PS1289 Andre Cassar Bonaci u (4) PC560 Aaron Grech li spjegaw dak li huma nnotaw fil-lejl tal-24 ta' Dicembru 2017 gewwa t-toilets tal-Havana; (5) PS891 Oscar Baldacchino, (6) WPC 368 Shannon Azzopardi u (7) PC1295 Dillon Abela li kienu inkarigati jaghmlu tfittxija fir-residenza u l-vettura tal-qua imputat fejn spjegaw rrizultanzi taghhom; (8) Oriana Deguara li espletat l-inkarigu mghoti lilha sabiex taghmel traskrizzjoni tal-*audio visual statement* irrilaxxata mill-imputat u li prezentat ukoll vera kopja tal-atti tal-inkjesta magisterjali koncernanti "sejba ta' sustanza suspettata kokaina fuq il-prsuna ta' Leon Grech  nhar l-24 ta' Dicembru 2017"; (9) L-ispizjar Godwin Sammut li ezamina tlett flixkien tal-hgieg li wiehed minnhom ghandu l-kliem Nandrolone Dicanoate u t-tnejn l-ohra ghandhom il-kliem Testosterone Enanthate li wara li gew annalizati rrizulta li kienu steroids, liema steroids ma humiex irregolati bil-ligi Maltija kif ukoll *police notebook* li kien allegatament elevat mill-vettura tal-qua imputat. L-ispizjar Sammut ikkonkluda li mill-iswab mehuda minn fuq il-*police notebook* ma nstabux sustanzi illeciti; (10) RPC 3021 Rita Cassar li xehdet li l-qua imputat huwa membru tal-korp tal-pulizija fejn fl-24 ta' Ottubru 2016 gie stazzjonat fir-*Rapid Intervention Unit* u fil-25 ta' Dicembru 2017 (u cioe' l-ghada tal-agir allegat permezz tal-proceduri odjerni) gie stazzjonat fil-GHQ Posting Pool galadarba gie sospiz mix-xoghol; (11) Xehed Dr. Farrugia Sacco li espleta l-inkarigu lilu mghoti sabiex jestratta l-informazzjoni minn fuq il-mobiles elevati; u finalment xehed (12) Andre Azzopardi li fil-kapacita' tieghu bhala Senior Principal Officer gewwa l-Qorti ezebixxa formalment fil-proceduri odjerni l-ezebiet KB90/2019 ipprezentat fizikament fil-proceduri l-Pulizija vs. Leon Grech.

Illi mill-atti processwali, partikolarment mill-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Mejju 2019, jirrizulta li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda in sostenn tal-volontarjeta' tal-istqarrija rrilaxxata mill-qua imputat lill-pulizija;

Di piu fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2020, id-difiza ddikjarat li ma ghandhiex provi xi tressaq f'din il-kawza;

Illi l-fatti l-kaz jirrisalu lura ghall-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax fis-sieghat bikrin ta' filghodu fejn waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu sorveljanza fit-toilets gewwa l-Club Havana f'Paceville huma nnotaw grupp ta' erba' persuni dehlin fl-istess toilet cubicle gewwa Paceville u jissakru gewwa. X'hin infetah il-bieb allegatament hareg Sean Brincat, il-pulizija dahlu fl-imsemmi cubicle fuq it-tlett okkupanti l-ohra. F'dan l-istadju wiehed mit-tlett okkupanti li kienu f'dan il-cubicle identifika lilu nnfisu bhala pulizija filwaqt li kien qed izomm idejh wara dahru. Dan kien Leon Grech. Minn tfittxija li saret fuq is-Sur Grech allegatament instabet sachet f'idejh kontenenti droga suspetta kokajina. F'dawn l-istess momenti kien hemm il-*qua* imputat Malcolm Buhagiar prezenti madanakollu Buhagiar ma giex arrestat hemmhekk. Huwa jidher li gie arrestat ftit sieghat wara u cioe' fl-erbgha ta' filghodu. Saret tfittixija fir-residenza tal-qua imputat minn fejn gew elevati tlett kontenituri tal-hgieg kontenenti steroids[2]. Saret ukoll tfittxija fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni CBU565 tal-ghamla Opel Corsa fejn minkejja li kien qal lill-pulizija li jistghu jsibu "wahda taht is-seat", din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Fl-imsemmi tfittxija gie elevat ukoll *notebook* tal-primi noti tal-pulizija li kellu xi trab abjad fuqu. Madanakollu wara li dan in-*notebook* gie swabjat u annalizat mill-ispizjar Sammut irrizulta li l-iswab mehud minn fuq l-imsemmi notebook kien negattiv ghal sustanzi illeciti[3]. Huwa ttiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemmhekk ittiehditlu stqarrija.

L-istqarrija ttiehdet f'Dicembru 2017 wara li l-*qua* imputat iffirma dikjarazzjoni permezz ta' liema rrinunzja d-dritt li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija u anke waqt it-tehid tal-istqarrija[4]. F'din l-istqarrija l-qua imputat jikkonferma huwa kien ilu fil-korp tal-pulizija stazzjonat gewwa l-RIU[5] ghal sena u xahrejn (sal-mument li gie arrestat). Jikkonferma li fl-24 ta' Dicembru 2017 hekk kif kienu hergin minn toilet gewwa l-Havana dahal is-surgent fuqhom. Buhagiar jikkonferma li huwa flimkien ma zewgt persuni ohra kienu ftehmu li jiehdu d-droga kollha flimkien gewwa t-toilet. Jikkonferma ukoll li d-droga kien allegatament xtraha wiehed mill-persuni li kienu mieghu mill-

[2] Referenza ghal fol. 94 tal-atti processwali.
[3] Referenza ghal fol. 94 tal-atti processwali.
[4] Ara fol. 22 tal-atti processwali.
[5] Rapid Intervention Unit

Havana stess ghalkemm ma rahx jixtrieha. Jikkonferma li qabel ma gew arrestati mill-pulizija huma kienu diga hadu xi droga.  Jikkonferma li huwa hallas il-flus ghad-droga u kien ben konsapevoli li kienu sejrin fit-toilet biex jikkonsmaw id-droga. Flus ma jiftakarx precizament kemm tah ghalkemm jghid li setgha tah Eur. 50 u li tahomlu dakinhar stess. Fl-istqarrija qal li huwa rari jiehu d-droga u li jiehu okkazjonalment bhal meta johrog perezempju. Jikkonferma li kull meta qed jghid li jiehu d-droga huwa qed jaghmel referenza ghad-droga kokajina u li qatt ma kien ikkonsma tipi ohra ta' droga. Jikkonferma li apparti dakinhar tal-arrest tieghu kien hemm drabi ohra li kkonsma d-droga ma persuna li kienet mieghu dak il-lejl. Jghid ukoll li huwa qatt ma xtara droga direttament. Jikkonferma li waqt li kien xoghol qatt ma kkonsma droga. Meta kkonfrontat bil-fatt li l-piz tas-sachet misjub mill-pulizija kien dak ta' 0.511g, Buhagiar jghid li huwa ma kienx jaf l-ammont li siehbu xtara.

L-ispettur Grech fix-xhieda taghha xehdet ukoll dwar dak li qallulha z-zewgt persuni l-ohra li kienu gew arrestati flimkien mal-qua imputat madanakollu kwalunkwe haga li dawk iz-zewgt persuni qallulha hija milquta bir-regola stipulata fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li konfessjoni ma tistax tkun ta' hsara ghal terzi. Konsegwentament kwalunkwe haga li iz-zewgt persuni l-ohra stqarrew ma l-ispettur, anke tenut kont tal-fatt li huma ghadhom ikkunsidrati bhala ko-imputati, ma tista' qatt titqies bhala prova fil-konfront tal-qua imputat Malcolm Buhagiar.  Il-prosekuzzjoni fil-fatt, ben konsapevoli ta' dan, baqghet ma ressqet qatt lil Grech u lil Brincat sabiex jixhdu fil-konfront tal-qua imputat.

Illi meta l-pulizija dahlu fuq Buhagiar, Grech u Brincat, l-pulizija ma sabu l-ebda sustanza fil-pussess ta' Buhagiar fil-fatt huma originarjament hallewh jitlaq minn fuq il-post. Illi minn analizi li saret fuq xi oggetti[6] elevati mill-pussess tieghu ma nstabet l-ebda sustanza illegali[7].

Konsegwentament l-unika prova rimanenti mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni hija l-istqarrija rrillaxata minn Buhagiar lill-pulizija.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat tali traffika d-droga kokaina bil-prosekuzzjoni tikkoncedi fit-trattazzjoni taghha li dan huwa kaz ta' *trafficking by sharing*. L-artikolu 22(IB) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha)*

---

[6] Tlett kontenituri tal-hgieg li nstabu li kienu kontenenti steroids u notebook bi trab abjad fuqu.
[7] Ara fol. 94 tal-atti processwali.

*b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni,f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni makenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni,id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksurta' din l-Ordinanza:*

Il-kuncett ta' *trafficking by sharing* gie introdott fil-ligi Maltija permezz tal-Att XVI tas-sena 2006 u dana bhala 'skuzanti' ghar-reat ta' traffikar. Il-hsieb tal-legislatur wara dina l-emenda kien is-segwenti:

> *"Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, sharing u mhux sharing – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għal min qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-sharing imma qed ngħidu li fil-każ ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja…".*[8] (emfazi tal-esponent)

Biex jirrizulta *trafficking by sharing* fl-ewwel lok necessarjament iridu jirrizultaw l-estremi ta' traffikar. Il-kuncett ta' *trafficking by sharing* jirrigwardja traffikar ta' droga, applikabbli biss f'cirkostanzi specifiki stipulati fil-ligi u liema cirkostanzi dawn il-Qrati dejjem interpretaw b'mod ristrett ghall-ahhar. Madanakollu ma jista' qatt ikun prezenti l-kuncett ta' *trafficking by sharing* jekk ma jirrizultax it-traffikar.

Stabbilit dan il-punt l-ewwel irid necessarjament jigi stabbilit jekk mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizultax li l-qua imputat Malcolm Buhagiar ghamel wiehed mill-atti li msemmija fis-subartikolu 22(1B) li jikkostitwixxu r-reat ta' traffikar id-droga kokajina, fosthom *il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti*. Mill-istqarrija tal-qua imputat Malcolm Buhagiar minn imkien ma jirrizulta li huwa ghamel dawn l-atti jew altrimenti li huwa forna jew traffika d-droga lil xi hadd. Anzi li jirrizulta huwa li terza persuna kienet ghaddietlu d-droga u dana wara li huwa hallas ghaliha. Galadarba t-

[8] Seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006

traffikar ma jirrizultax mill-provi mressqa lanqas ma jista' jirrizulta l-iskuzanti ta' *trafficking by sharing*. Ghaldaqstant dina l-Qorti, ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Illi t-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-pussess semplici tad-droga kokajina. Mill-provi mressqa, partikolarment mill-istqarrija tal-qua imputat stess, huwa ammess li l-qua imputat kien ikkonsma d-droga kokajina dakinhar tal-24 ta' Dicembru 2017. Jammetti ukoll li f'okkazzjonijiet rari precedenti huwa kien ukoll ikkonsma d-droga kokajina. Ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li dina l-imputazzjoni giet sufficjentament ippruvata.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni Buhagiar jinsab akkuzat li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi. Mill-provi mressqa jirrizulta li fid-data tal-imputazzjonijiet odjerni Buhagiar kien kuntistabbli tal-pulizija stazzjonat gewwa r-*Rapid Intervention Unit*. Ma hemmx dubbju li fil-kapacita' tieghu ta' kuntistabbli tal-pulizija huwa kien bil-ligi obbligat li jissorvelja li ma jsirx jew li altrimenti jimpedixxi milli jsir reat ai termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li persuna tkun f'pussess semplici tad-droga kokajina. Ghaldaqstant dina l-imputazzjoni gie ukoll sufficjentament ippruvata.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li taghhom il-qua imputat qed jinsab hati kif ukoll ic-cirkostanzi relatati mal-istess, l-fedina penali tieghu, u l-ammont ta' droga nvoluta li jidher li kienet anqas minn zewgt grammi. Qieset ukoll l-emendi fl-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

> *(1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persunali għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro(€125)*

Is-subartikolu 3(4) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li l-prosekuzzjoni ghar-reat kontra l-Kap. 101 ghandha tissokta bil-piena applikabbli wara dħul fis-seħħ tal-istess Kap. 291 m'għandhiex tkun ogħla mill-pieni li kienu jkunu

applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt il-Kap. 291. Di piu' bis-sahha ta' dan l-artikolu l-Qrati gew mghotija s-setgha li japplikaw il-pieni li skond dan l-att jistghu jigu applikati mill-Kummissarju ghall-Gustizzja.

> *(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwaru taħt dan l-Att m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom ġurisdizzjoni konkorrenti sabiex jagħtu deċiżjoni dwar dak ir-reat hekk iżda li l-piena applikabbli wara dħul fis-seħħta' dan l-Att m'għandhiex tkun ogħla mill-pieni li kienu jkunu applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att:*
>
> *Iżda l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom,bis-saħħa ta' dan l-Att, is-setgħa li japplikaw kull piena li tista' tiġi applikata minn Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att fir-rigward ta' reat li skont dan l-Att għandu jitressaq quddiemKummissarju għall-Ġustizzja:*

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern hawn fuq imsemmija partikolarment galadarba mill-provi mressqa jirrizulta li l-ammont ta' droga kokajina involuta kienet dik ta' inqas minn zewgt grammi, dina l-Qorti bis-sahha tal-artikoli hawn fuq stipulati hija tal-fehma li l-piena applikabbli ghall-kaz odjern hija dik ta' penali stipulata fl-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigwardanti l-piena ai fini ta' htija ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, dina l-Qorti qieset li l-ligi tipprovdi bhala piena konsegwenzjali: "*il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad*". "Il-piena stabbilita ghal dak ir-reat" fil-kaz odjern, hekk kif spjegat iktar 'il fuq hija l-penali ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali li jirregola t-tlugh u inzul tal-gradi ai fini ta' piena ma jipprovdiex ghal tlugh u inzul mill-piena ta' 'penali'. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti, ghalkemm hekk kif inghad iktar qabel ha tkun qed isib htija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz galadarba l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali ma jipprovdiex ghal tlugh bi grad mill-piena ta' penali stipulata fl-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti hija legalment sprovvista mill-piena applikabbli ghall-ksur ta' l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Tenut kont ta' dan, dina l-Qorti ma hijiex ser tinfliggi piena ghal ksur tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, madanakollu ha tqis il-kariga u l-irwol li l-

qua imputat kellu bhala pulizija u l-fatt li huwa ghamel reat li skond il-ligi huwa kien fid-dmir li jissorvelja li ma jsirx fl-*quantum* tal-penali li ser jigi impost fuq il-qua imputat.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, **qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-istess imputat Malcolm Buhagiar hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' penali ta' Eur. 110.**

Il-Qorti qeghda tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebieti.

Galadarba ghad hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tal-ko-imputati, dina l-Qorti ma hijiex ser tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebieta formalment fil-proceduri odjerni.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-imputat Malcolm Buhagiar sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 282.23 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni.

Finalment, tenut kont dak iddikjarat fir-rigward tal-piena applikabbli ghar-reat ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti qeghda tordna komunika lill-Ministru ghall-Gustizzja kif ukoll lill-Avukat tal-Istat ghal kull azzjoni li huma jhossu opportuna f'dan ir-rigward.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur